
MONS SION IN JERUSAL



Dehra ta' Nazaret
Bid-Dejr il-Ġdid tal-Franġiskani
Fil-lemin tar-ritratt,
U taħtu l-Knisja l-qadima
Li flokha sa tinbena
L-Bażilka l-Kbira.

It-Tmien Sena | JANNAR - MARZU, 1962 | Għadd 1

*"Super Muros Tuos Jerusalem, Constitui Custodes."*

# LEĦEN
# L-ART IMQADDSA

QARI
LI JOĦROĠ KULL TLIET XHUR
MILL-KUMMISSARJAT TAL-QABAR TA' KRISTU
F'MALTA

Mitbugħ għand "Giov. Muscat & Co. Ltd." Valletta.

# LEHEN L-ART IMQADDSA

QARI

MAHRUĠ MILL-KUMMISSARJAT

TAL-QABAR TA' KRISTU

F'MALTA



It-Tmien Sena JANNAR - MARZU, 1962 Għadd 1

## X'FIH DAN IL-GHADD


"Araw li Ħadd ma Jqarraq Bikom!" (Id-Direzzjoni) ... ... ... ... 1

Radd ta' Ħajr ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 2

Il-Vanġelu ta' San Ġwann .. ... ... ... ... ... ... ... ... 4

Ir-Raba' Wieħed Fost il-Magi ... ... ... ... ... ... ... ... 8

Alphonse Marie Ratisbonne ... ... ... ... ... ... ... ... 11

Il-Bażilka l-Ġdida tal-Lunzjata f'Nazaret ... ... ... ... ... ... 16

Tgħid, San Ġużepp kien Essen? ... ... ... ... ... ... ... ... 18

Didake ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 22

Il-Vija Sagra ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 26

Aħbarijiet ta' l-Art Imqaddsa ... ... ... ... ... ... ... ... 32


---


*Direzzjoni*: W. R. P. Nikola Magro, O.F.M., Kummissarju tat-Terra Santa.
*Amministrazzjoni*: R. P. Valentin Cardona, O.F.M., Viċi Kummissarju.
Kummisserija tat-Terra Santa, Kunvent ta' Ġieżu, il-Belt.

# "ARAW LI HADD MA JQARRAQ BIKOM!"

*Jekk taħseb ftît fûq ġrajjietek, jew fûq ġrajjiet in-nies li tâf, tintebaħ malajr kemm hu minnu dâk li qâl Ġobb, li l-ħajja ta' bin Adam fid-dinja, hi ġlieda (Ġobb, VII, 1). Ġlieda ta' wieħed ma' wieħed, jew ta' wieħed ma' ħafna. Ġlieda bierda, jew ġlieda ħarxa. Ġlieda biex tilqa' lill-għâdu li jrîd jegħelbek, jew biex teħles minnu, jekk sfajt megħlûb; imma kull imkien u dejjem: ĠLIEDA! U billi bin Adam magħmûl minn ġisem u ħsieb, il-għâdu jitqâbad miegħek, jew bis-saħħa tal-ġisem, jew bil-ħîla tal-ħsieb. Irîdek taqdih, trîd u ma tridx, jew għax felaħ għalik u jassrek, jew għax qarraq bik u sbiek.*

*Għal hekk Ġesù, fuq Ġebel iż-Żejtun, biswit it-Tempju ta' Ġerusalem, meta l-Appostli, tlett ijiem qabel mewtu, sogħbiena, saqsewh x'kellhom jagħmlu meta ma jistgħux jarawh u jkellmuh aktar (Luqa, XVII, 22) l-ewwel kelma li qalilhom kienet: "IFTĦU GĦAJNEJKOM, LI ĦADD MA JQARRAQ BIKOM!" (Matt. XIV, 4; Mark XIII, 5; Luqa, XXI, 8).*

*Lill-egħliema tiegħu, Ġesù, sa miż-żmien li kien għâdu fid-dinja magħhom, kien irîdhom jifhmu weħedhom u jaħsbu b'râshom (Matt. XV, 15-19; Mark, IV, 13), u lill-egħliema tiegħu ta' issa, jiġifieri lill-Insâra tal-lûm, ħâġa mil-lewn id-dinja li jridhom ukoll jagħmlu hekka. Għax hi ħâġa ħafîfa li titqarraq jekk ma taħsibx; imma jekk tqis u tiżen, bil-għaqal, ħâġa kbira biex titqarraq. Tassew li trîd tkûn b'għajnejk miftuħa, għax il-għâdu ħażîn, u jaf jidħollok. "Din id-dinja ċerta," jgħidlek, "imma d-dinja l-oħra ma hix. Aħseb, mela, għal dîn id-dinja, biex tistagħna u jkollok ħafna ġîd. Kûl w-ixrob w-ittieraħ, w-aqta' xewqat il-ġisem għax ftit ieħor għandek tmût!" (Ktieb il-Għerf, II, 1-9; I lill-Korintin XV, 52).*

*Imma inti, iftaħ għajnejk u aħseb, biex ma titqarraqx! Iftakar li f'qiegħ qalbek għandek xrâra ta' Divinità! Toħnoqhiex, mela, biex ma tintfielek; u tkunx iblaħ, li għal hena ta' din id-dinja, titlef l-Hena tal-Eternità! La tgħallatx lilek in-nifsek, billi tiġri wara min jobgħodok, u tisma' mill-għadu tiegħek, għax taħseb li hu ħabîb. Aħseb li kull ma fiha d-dinja kollu telf, la darba hemm il-mewt. X'fadlilhom ħbiebek, li dâri jiftaħru b'mielhom u ġmielhom, u issa jinsabu taħt it-trab? Ġesù n-nifsu stqarr li min jixxâla f'did-dinja, li tgħaddi, jitgħażżeb fid-dinja l-oħra, li ma tgħaddîx (Luqa, XVI, 25). Lil Ġesù wkoll, bħala bin Adam, ix-xitân bil-ġid tad-dinja ried iqarrqu. (Matt, IV, 3-9; Luqa, IV, 3-8), u bla dgħûl, hekk jagħmel lilek ukoll!*

*Iftaħ għajnejk, mela, bħal ma wissa Ġesù lill-egħliema tiegħu. Tagħmel xejn bla ma qabel taħseb! La sseħibx lil dawka li jwegħduk il-ġîd, qabel ma tkûn fhimt sewwa x'għamla ta' ġîd huwa! Bħal ma qal Ġesù wkoll, f'egħluq Taħdidtu l-Kbîra (Matt. VII, 24-25; Luqa, IV, 47-48): agħmel bħal ma jagħmel râġel għaqli; ħaffer l-art u aqla' t-tràb u r-ramel, sa kemm issib il-blàt, biex fuqu ssejjes il-bini tat-Twemmin tiegħek. Battal ħsiebek mix-xewqât fiergħa, u la ttaqqal qalbek bl-ikel u x-xorb. Biex moħħok ma jiddallamx bil-ħjelijiet ta' dina l-art (Luqa, XXI, 34), Qîs u kejjel; għarbel w-iżen ħa' ssîb is-Sewwa, u hekk taħdem b'għajnejk miftuħa, billi ħadd ma jqarraq bîk!*

*ID-DIREZZJONI*